Minuti tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita l-Ħamis 17 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| <u>Sindku</u>: | Is-Sur Saviour Borg |
| <u>Viċi Sindku</u>: | Is-Sur Anthony Borg |
| <u>Kunsilliera</u>: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef |
| <u>Segretarju Eżekuttiv</u>: | Is-Sur Karl Vella |
| <u>Skużat:</u> | Il-Kunsillier Lorry Apap |

**1. TALBA**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

**2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Segretarju spjega li l-Minuti tal-laqgħa preċedenti ma kienux lesti.

**3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI**

**3.1 Memos**

3.1.1 Memo 7/2011 – Reviżżjoni tal-Onorarja

3.1.2 Memo 8/2011 – Emenda għal Memo 122/2010: Ikliet/Riċevimenti Organizzati mill-Kunsilli Lokali

3.1.3 Memo 9/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita ta' Librerija Lokali

3.1.4 Memo 10/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 23219

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**

3.2.1 Il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proposta tas-Segretarju Parlamentari Chris Said sabiex isiru studji dwar il-bini ta' mina taħt il-baħar li tgħaqqad lil Għawdex ma' Malta.

3.2.2 Id-Direttur Ġeneral Martin Bugelli infurmani li ladarba għada ma ntalbetx rifuzjoni it-taxxa li tħallset triq tibqa' mħallsa. Il-kalkolu ta' kemm sar ħlas żejjed irid ikun abbażi ta'



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

*gross*, ħalli meta imbagħad ikun hemm deċizjoni finali, isir kollox biex jiġu bbilanċjati l-kontijiet, u nieħdu *in consideration* ukoll it-taxxa li tkun tħallset.

3.2.3 Bejn April u Gunju 2011, TVM u Education 22 ser jibdew ixandru sensiela ta' programmi fejn ser jiġi ppubliċiżżat ix-xogħol li qiegħed isir mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli nteressati għandhom iħallsu €951. Il-Kunsill qabel li ma jaċċettax din il-proposta.

3.2.4 L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmatna li ċ-ċitazzjonijiet jibqgħu jitħallsu fil-Kunsilli Lokali kollha xorta waħda. Il-Kumitati Reġjonali ser jikkompensaw lill-Kunsilli Lokali għal dan is-servizz permezz ta' tariffa amministrattiva li tapplika għall-kull ċitazzjoniji li titħallas fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli. Dan l-arranġament ser jibda jitħaddem minn meta d-delega tal-infurzar lokali tidħol fis-seħħ.

3.2.5 Ġejna nfurmati mill-ETC li minn nhar l-14 ta' Frar 2011 Antoine Mercieca ser jibda jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema xogħol fil-komunita'.

3.2.6 B'referenza għas-seminar rigward is-sigurta' fil-*playing fields* li kien organizzat nhar l-4 ta' Frar 2011 li għalih attenda s-Sindku, ġejna mitluba sabiex nibgħatu xi dettalji lil Malta Standards Authority.

## 4. GĦOTI TA' OFFERTI

4.1.1 *FONT 04/2010: Patching with Hot Asphalt in various Streets in Fontana* – Is-Sindku spjega li waqt li kien qiegħed jara d-dokumenti li tefa' Gatt Tarmac Ltd hu nnota li dan il-kuntrattur kien għamel kundizzjoni li "*If wardens are needed these are to be paid by the Council".* Il-Kunsill qabel li niktbu lil Gatt Tarmac Ltd fejn nitolbu lill-kuntrattur sabiex ineħħi din il-kundizzjoni.

4.1.2 *FONQ 04/2010: Restawr tal-Għajn tal-Loġoġ* – Peress illi fir-rapport tagħha l-Perit mqabbad mill-Kunsill qalet li l-offerta mitfugħha minn Gatt Tarmac Ltd kienet għolja, il-Kunsill, fuq suġġeriment tal-istess Perit, qabel li jitlob lil dan il-kuntrattur biex jerġa jirrevedi l-ammont tal-kwotazzjoni.

4.1.3 *FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre* – Kif maqbul f'laqgħa preċedenti tlabna lil kuntrattur Peter Paul Said sabiex iġibilna d-dokumenti mitluba mill-Perit imqabbad mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu għaddielu dawn id-dokumenti. Il-Kunsill qabel li dawn ngħadduhom lil Perit imqabbad mill-Kunsill sabiex tkompli tevalwa din l-offerta.

## 5. FINANCIAL STATEMENTS

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja li għalqet nhar il-31 ta' Diċembru 2010. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6. BUDGET 2011

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-Budget għas-sena 2011.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

**7. BUSINESS PLAN**

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-Business Plan għas-sena li ġejja u għas-snin li ġejjin.

**8. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET**

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

**9. MATERJI OĦRA**

8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li :

8.1.1 It-tabella *"Welcome to Fontana"* li kien hemm fit-Triq ix-Xlendi ma għadiex hemm. Is-Sindku ppropona li nagħmlu oħra minfloka. Il-membri tal-Kunsill qablu. Ġie maqbul li niċċekjaw mill-Perit Saliba jekk hemmx bżonn li ssir applikazzjoni mal-MEPA.

8.1.2 Charlie Zammit, mid-Dipartiment tal-Kultura fil-Ministeru għal Għawdex kien infurmah li r-rappreżentati ta' Zafferana Etnea ħadu pjaċir li ltaqgħu mal-Kunsill Lokali f'Diċembru 2010 u qiegħdin jistennew li l-Kunsill jirreċiproka ż-żjara. Ġie maqbul li matul din is-sena l-Kunsill jmur Sqallija sabiex jirreċiproka din iż-żjara.

8.1.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li kkwalifika għal għajnuna mill-iskema għall-attivitajiet sportivi 2011 biex isiru korsijiet tal-Aerobics u Pilates, kif ukoll Sportferst. Din l-għajnuna tammonta għal €740.

8.1.4 Is-Sindku attenda għal seduta oħra tal-qorti dwar il-kawża ta' żgumbrament tal- fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Dawn saru quddiem il-Maġistrat Paul Coppini fejn is-Sur Anthony Cassar ippreżenta affidavit, kif ukoll quddiem l-Assistant ġudizzjarju Dr Aaron Attard Hili. Dawn ġew differiti għat-18 ta' Mejju u 6 t'April rispettivament.

8.1.5 Sar l-iffilmjar tal-*feature* mill-kumpanija Where's Everybody fejn ġew intervistati diversi persuni dwar il-Community Initiative Awards li l-Kunsill ġie magħżul bħala wieħed mill-ħames finalisti. Is-Sindku ukoll għadda diversi ritratti dwar l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill u kopja tal-fuljetti dwar il-kampanja ta' ndafa u tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek".

8.1.6 Is-Sindku attenda laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar dwar is-sigurta' fil-playingfields. Saret preżentazzjoni mill-Inginier Farrugia tal-Malta Standards Authority. Saru wkoll messaġġi mill-Onor Chris Said Segretarju Parlamentari u d-Direttur għall-Gvern Lokali, is-Sur Carmelo Abela.

8.2 Is-Sindku ppropona li :

8.2.1 Nhar it-23 ta' Frar 2011 issir ħarġa soċjo kulturali ġewwa Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandu jkun hemm ħlas ta' €2.50 għar-residenti u €7.50 għal dawk li ma humiex residenti fil-Fontana.

8.2.2 Peress li l-Green MT kien għadhom ma bgħatulniex iċ-ċekkijiet relatati ma' Jum il-Fontana, is-Sindku ppropona li nħallsu lil *Gozo Youth Wind Band & Orchestra* u



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

mbagħad niġbru l-flus mingħand il-Green MT wara, dan peress li ġie avviċinat kemm il-darba mis-Surmast Joe Grech biex isir il-ħlas. Il-membri tal-Kunsill qablu.

8.2.3 Nwaħħlu *notice board* tal-Kunsill f'tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, in-naħa ta' Triq il-Għajn peress li dik li għandna hija ftit imwarba. Il-membri tal-Kunsill qablu. Ġie maqbul li niċċekjaw mill-Perit Saliba jekk hemmx bżonn li ssir applikazzjoni mal-MEPA.

8.2.4 Nwaħħlu l-arloġġ li kien hemm fi Pjazza l-Għejjun f'tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-membri tal-Kunsill qablu. Ġie maqbul li niċċekjaw mill-Perit Saliba jekk hemmx bżonn li ssir applikazzjoni mal-MEPA.

8.4 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv f'hiex waslet il-*Bye Law* li tirrigwarda l-kera tas-Sala tal-Komunita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jieħu ħsieb li jibda l-proċess.

8.5 Waqt li kien qiegħed ikun diskuss il-*culvert* ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, is-Sindku qal li l-istima tal-Perit Saliba hija ta' madwar €45,000. Il-Viċi Sindku ppropona li niktbu lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi sabiex isir *culvert* tal-ilma tax-xita minn Triq is-Sajjieda sa tarf Triq l-Isptar San Ġiljan, minn fejn ikompli l-*culvert* l-antik għal Wied Siekel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Laqgħa oħra issir nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt